22002D0115

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 115/2002

tas-27 ta' Settembru 2002

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosantarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra il-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta il-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed il-quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I ta' dan il-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 78/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 ([1]).

(2) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/783/KE tad-9 ta' Novembru 2001 dwar żoni ta' protezzjoni u sorveljanza relatati mal-,marda ta' l-ilsien blu u dwar ir-regoli applikabbli għall-moviment ta' annimali fi u minn dawk iż-żoni ([2]) għandha tiġi inkorporata f'dan il-Ftehim.

(3) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/847/KE tat-30 ta' Novembru 2001 li temenda għat-tielet darba id-Deċiżjoni 2000/721/KE sabiex timmodifika il-programm ta' vaċċinazzjoni kontra l-influwenza tat-tjur Taljana u r-restrizzjonijiet kummerċjali kurrenti għall-laħam frisk li ġej minn dundjani imlaqqmin ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Islanda u l-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I ta' l-Anness I għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Is-Subintestatura li ġejja għandha tidħol wara punt 9 (Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE) fil-Parti 3.1:

   "Il-marda ta' l-ilsien blu"

2. L-inċiż li ġej għandu jiżdied ma' punt 15 (Direttiva tal-Kummissjoni 2000/721/KE) fil-Parti 3.2:

   "– **32001 D 0847**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/847/KE tat-30 ta' Novembru 2001 (ĠU L 315, ta' l-1.12.2001, p. 61)."

3. Il-punt li ġe għandu jidħol wara punt 21 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/303/KE) fil-Parti 3.2:

   "22. **32001 D 0783**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/783/KE tad-9 ta' Novembru 2001 dwar żoni ta' protezzjoni u sorveljanza relatati mal-marda ta' l-ilsien blu, u fuq ir-regoli applikabbli għall-moviment ta'annimali fi jew minn dawk iż-żoni (ĠU L 293, ta' l-10.11.2001, p. 42)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2001/783/KE u 2001/847/KE fl-ilsien Norveġiż, li għandhom jiġu ippubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' Settembru 2002, iżda in-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) ta' dan il-Ftehim isiru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 266, tat-3.10.2002, p. 22.
([2]) ĠU L 293, ta' l-10.11.2001, p. 42.
([3]) ĠU L 315, ta' l-1.12.2001, p. 61.
(*) L-ebda ħtiġijet kostituzzjonali huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Settembru 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gunnar Snorri GUNNARSSON